# PREMJU ANZJANITÀ ATTIVA'26

**GVERN TA' MALTA**
UFFIĊĊJU TAD-DEPUTAT PRIM MINISTRU
U MINISTERU GĦAS-SAĦĦA

# FORMOLA TAN-NOMINAZZJONI

# Premju Anzjanità Attiva 2026

## PARTI A – INFORMAZZJONI U KUNDIZZJONIJIET

Il-Bord tal-Għażla Premju Anzjanità Attiva ser ikun qiegħed jilqa' n-nominazzjonijiet għall-Premju Anzjanità Attiva tas-Sena 2026. In-nominazzjoni trid issir permezz ta' din l-applikazzjoni, u skont ir-regolamenti msemmija hawn taħt.

L-applikazzjoni tista' tinkiseb minn Ċentru Servizz Anzjan, 3, Triq Żekka, il-Belt Valletta, u f'Għawdex ġewwa Ċentru Servizz Anzjan li jinsab 39, Triq ir-Repubblika, ir-Rabat Għawdex, jew inkella tista' titniżżel mill-website uffiċjali tagħna aacc.gov.mt jew permezz tal-paġna ta' Facebook "Active Ageing and Community Care."

L-applikazzjoni kompluta tista' tintbagħat bil-posta / tingħata lill-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità indirizzata lis-Sa Maria Lara Zammit c/o Active Ageing Unit, Livell 1, Bini FXB, Triq Mdina, Qormi jew permezz ta' email fuq premjuanzjanitaattiva2026@gov.mt.

In-nominazzjonijiet jagħlqu fid-9 ta' Settembru, 2026. L-applikazzjonijiet li jaslu wara d-data tal-għeluq mhux se jiġu kkunsidrati.

## 1. KUNĊETT TAL-PREMJU

Il-Premju Anzjanità Attiva huwa ċelebrazzjoni ta' xogħol, impenn u dedikazzjoni fis- settur tal-Anzjanità Attiva. Dan huwa avveniment annwali li ser ikun parti miċ-ċelebrazzjonijiet li jseħħu fix-xahar ta' Ottubru li huwa ddedikat għall-Anzjani.

Din is-sena l-bord qiegħed jilqa' applikazzjonijiet għal 6 kategoriji:

- Premju Anzjanità Attiva,
- Premju Innovazzjoni u Teknoloġija fl-Anzjanità,
- Premju Anzjanità Kulturali,
- Premju Anzjanità Sportiva,
- Premju Volontarjat fl-Anzjanità,
- Premju Solidarjetà Interġenerazzjonali.

## 2. GĦAN

L-għan ta' din iċ-ċelebrazzjoni huwa li jiġu ċċelebrati u onorati individwi organizzazzjonijiet u inizjattivi li jappoġġjaw il-kunċett ta' Anzjanità Attiva.

Dawn il-premjijiet huma att ta' rikonoxximent, iżda huma wkoll sejħa għal azzjoni li taspira kultura ta' rispett, innovazzjoni u kollaborazzjoni fejn il-persuni anzjani u l-familji tagħhom igawdu minn aċċess għal għajxien indipendenti u parteċipazzjoni attiva fil-ħajja komunitarja.

## 3. KATEGORIJI

| Premju | Premju Anzjanità Attiva |
|---|---|
| **Eliġibiltà** | *Persuna li għandha 'l fuq minn sittin (60) sena*<br><br>*Residenti Malta*<br>*Ċittadin Malti* |

Kriterji ta' Evalwazzjoni:

- Il-Premju ser ikun qiegħed juri l-impatt pożittiv li n-nominat qed iħalli fuq il-qasam tal-Anzjanità Attiva.
- L-individwi nominati jridu juru xogħol ta' eċċellenza u impenn f'oqsma relatati mal-Politika Strateġika Nazzjonali għall-Anzjanità Attiva.
- Il-Premju jħeġġeġ il-parteċipazzjoni aktar sħiħa tal-anzjani fil-ħajja ekonomika, ċivika u soċjali ta' pajjiżna. Jinkoraġġixxi il-persuna li qed tikkontribwixxi għas-soċjetà u taffettwa l-ħajja tal-oħrajn, tal-komunità u tas-soċjetà inġenerali b'diversi modi pożittivi.

| Premju | Premju Innovazzjoni u Teknoloġija fl-Anzjanità |
|---|---|
| **Eliġibiltà** | *Proġett jew inizjattiva*<br><br>*Implimentata Malta jew Għawdex* |

Kriterji ta' Evalwazzjoni:

Il-Premju se jirrikonoxxi proġett jew inizjattiva li għandha l-għan li tnaqqas id-distakk diġitali billi tgħin lill-anzjani jitgħallmu jużaw u jifhmu t-teknoloġija moderna b'kunfidenza, u/jew li kkontribwixxiet għall-iżvilupp jew it-tħaddin tas-settur tal-innovazzjoni u t-teknoloġija għall-adulti anzjani, jiġifieri persuni ta' aktar minn 60 sena.

| Premju | Premju Anzjanità Kulturali |
|---|---|
| **Eliġibiltà** | *Persuna li għandha 'l fuq minn sittin (60) sena*<br><br>*Residenti Malta*<br>*Ċittadin Malti* |

Kriterji ta' Evalwazzjoni:

- Dan il-premju se jiċċelebra lil dak l-adult anzjan li għamel kontribut sinifikanti fil qasam kulturali, billi jirrikonoxxi l-impenn u l-kisbiet ta' persuni li qed jagħtu impatt pożittiv fis-settur kulturali u/jew artistiku f'Malta, u li qed jaqsmu l-għarfien u s-suċċess tagħhom mas-Soċjetà Maltija.

| Premju | Premju Anzjanità Sportiva |
|---|---|
| **Eliġibiltà** | *Proġett jew inizjattiva /*<br>*Persuna li għandha 'l fuq minn sittin (60) sena*<br><br>*Implimentata Malta jew Għawdex*<br>*Residenti Malta*<br>*Ċittadin Malti* |

Kriterji ta' Evalwazzjoni:

- Il-Premju se jirrikonoxxi proġett, inizjattiva jew persuna li hija attiva fl-isport u li b'hekk isservi ta' eżempju għal persuni anzjani oħra, jew li kkontribwixxew għall-iżvilupp tas-settur sportiv għal persuni ta' aktar minn 60 sena.

| Premju | Premju Volontarjat fl-Anzjanità |
|---|---|
| **Eliġibiltà** | *Persuna li għandha 'l fuq minn sittin (60) sena*<br><br>*Residenti Malta*<br>*Ċittadin Malti* |

Kriterji ta' Evalwazzjoni:

- Il-Premju ser ikun qiegħed jirrikonoxxi persuna li qed tagħmel suċċess fil-qasam tal-volontarjat, u/jew li permezz tal-kontribut tiegħu/tagħha ġabet bidliet fil-ħajja tal-anzjani u/jew fis-soċjetà.

| Premju | Premju Solidarjetà Interġenerazzjonali |
|---|---|
| **Eliġibiltà** | *Proġett jew inizjattiva*<br><br>*Implimentat/a f'Malta jew Għawdex* |

Kriterji ta' Evalwazzjoni:

- Il-Premju ser ikun qiegħed jirrikonoxxi l-impatt li proġett jew inizjattiva jkun ħalla fuq is-solidarjetà interġenerazzjonali.
- Il-proġett jew inizjattiva jkun ippromwova solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet.

## 4. KUNDIZZJONIJIET GĦAD-DĦUL TAL-PREMJU

- F'kull kategorija tal-premju, l-ebda persuna ma tista' tkun nominata u ssekondata minnha nnifisha.
- F'każ ta' nomina ta' proġett, il-koordinatur tal-proġett ma jistax jinnomina l-proġett tiegħu/ tagħha stess jew isegwi l-applikazzjoni.
- n-nomina trid tkun rilevanti għall-kategorija tal-premju magħżula. Il-Bord jirriżerva d-dritt li, fejn iqis li jkun xieraq, jittrasferixxi n-nomina għal kategorija oħra li tkun aktar relevanti.
- Kull nominazzjoni trid tkun sottomessa fil-ħin – nominazzjonijiet li jaslu tard mhux ser ikunu kkunsidrati.
- Ma jistgħux jiġu nominati anzjani fuq bażi tal-attiviżmu tagħhom fil-politika.
- Inizjattivi jew attivitajiet li jsiru/saru fuq bażi volontarja se jingħataw prijorità fuq inizjattivi li jsiru/saru għal gwadann monetarju.
- Id-deċiżjoni finali ta' min jirċievi l-premjijiet hija prerogattiva tal-bord tal-għażla.
- Id-deċiżjoni tal-bord hija bbażata biss fuq l-informazzjoni pprovduta fil-kitba f'Parti G.
- Il-bord jista' jitlob sabiex jiltaqa' mal-persuni nominati.
- Nominazzjonijiet għal iżjed minn kategorija waħda jridu jintlew fuq formoli separati.
- In-nominazzjonijiet jagħlqu fid-9 ta' Settembru 2026.
- In-nominazzjonijiet għall-Premju għandhom isiru fuq din il-formola, konfermata minn żewġ persuni.
- Iridu jiġu mehmuża kopja tal-karta tal-identità tal-persuna li qiegħda tiġi nominata. F'każ ta' nominazzjoni ta' proġett jew inizjattiva (fejn indikat fl-eliġibiltà) jintbagħat kopja tal-karta tal-identità tal-persuna responsabbli mill-proġett.
- Il-formola trid tkun iffirmata minn min ikun qed jinnomina, mis-sekondant, u mill-persuna nominata.
- Iridu jingħataw id-dettalji tal-kwalitajiet li fuqhom tkun ibbażata n-nominazzjoni. Persuni nominati ma jistgħux jiktbu huma stess il-motivazzjoni/ħidmiet li jkunu għamlu.
- In-nominazzjoni trid tirrifletti ħidma li għadha għaddejja jew li kienet attiva fis-sena 2025.
- Din l-applikazzjoni għandha tintbagħat flimkien ma' żewġ ritratti tal-passaport riċenti tal-persuna nominata jew tal-persuna responsabbli mill-proġett, f'forma elettronika.
- Jekk għandek bżonn xi għajnuna biex timla din l-applikazzjoni jew tixtieq tiċċara xi informazzjoni tista' ċċempel fuq in-numru tat-telefon: 22788833 jew tibgħat email fuq: premjuanzjanitattiva2026@gov.mt

## PARTI B – KATEGORIJA

| | | | |
|---|---|---|---|
| Premju Anzjanità Attiva | ☐ | Premju Innovazzjoni u Teknoloġija fl-Anzjanità | ☐ |
| Premju Anzjanità Kulturali | ☐ | Premju Anzjanità Sportiva | ☐ |
| Premju Volontarjat fl-Anzjanità | ☐ | Premju Solidarjetà Interġenerazzjonali | ☐ |

## PARTI Ċ – DETTALJI DWAR IL-PERSUNA NOMINATA

1. Isem tal-persuna nominata: ____________________________________________
2. ID tal-persuna nominata : ____________________________________________
3. Data tat-twelid tal-persuna nominata : ______________________________________

Fil-każ ta' nominazzjoni ta' proġett:

1. Isem tal-proġett/inizjattiva: ____________________________________________
2. Isem tal-koordinatur/i tal-proġett: ______________________________________
3. Entità jew organizzazzjoni responsabbli għall-proġett: ______________________________

4. Indirizz: ______________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

5. Numru fejn nistgħu nikkuntattjawh/ha: ______________________________________

6. Indirizz elettroniku: ____________________________________________________

7. Ritratt tal-passaport tal-persuna nominata f'forma elettronika (JPG format)

## PARTI D - DETTALJI DWAR MIN QIEGĦED JINNOMINA

1. Isem u kunjom ta' min qiegħed jinnomina: ______________________________

2. Indirizz: ______________________________

______________________________

3. Numru fejn nistgħu nikkuntattjawk: ______________________________

4. Indirizz elettroniku: ______________________________

Firma: ______________________________

## PARTI E - DETTALJI DWAR MIN QIEGĦED JISSEKONDA N-NOMINAZZJONI

1. Isem u kunjom tas-sekondant: ______________________________

2. Indirizz: ______________________________

______________________________

______________________________

3. Numru fejn nistgħu nikkuntattjawk: ______________________________

4. Indirizz elettroniku: ______________________________

Firma: ______________________________

## PARTI F – DIKJARAZZJONI MILL-PERSUNA NOMINATA

JIENA, ______________________________, NAĊĊETTA LI NKUN NOMINAT/A.

NRU. TAL-ID: ______________________________

FIRMA: ______________________________

## PARTI Ġ – DETTALJI DWAR IL-ĦIDMA – KWALITAJIET TAL-PERSUNA/ORGANIZZAZZJONI NOMINATA

Ikteb il-motivazzjoni għalxiex il-persuna / proġett nominat ħaqqu dan il-premju. Agħti deskrizzjoni dettaljata tal-ħidma tal-individwu jew fiex jikkonsisti il-proġett, il-benefiċċji ta' din il-ħidma, l-impatt li ħalla jew qed iħalli. Idealment inkludi ritratti li jirriflettu l-ħidma tal-individwu jew ritratti tal-proġett (idealment f'format JPEG).

**L-informazzjoni trid tkun ittajpjata u tista' tikteb sa massimu ta' 250 kelma**.